19 ta' Mejju, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E. LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppe Gauci et. *versus* Salvino Mizzi ne.

**Rekwiżizzjoni — Housing Commissioner — Provvedimenti Amministrativi — Kompetenza — Interess.**

*Skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tal-Ġustizzja, f'każijiet ta' provvedimenti amministrativi, mentri jistgħu jeżaminaw jekk il-provvediment jidħol fl-attribuzzjonijiet ta' l-awtorità li ordnatu, jew jekk ġietx osservata l-forma stabbilita mill-liġi, ma għandhomx jiddiskutu l-opportunità u l-ġustizzja tiegħu.*

*Għalhekk talba għall-iżgumbrament kontra min qiegħed jokkupa fond rekwiżizzjonat ma tistax tiġi milqugħa sakemm tibqa' sseħħ ir-rekwiżizzjoni, anki jekk b'dik l-okkupazzjoni jkunu qegħdin jiġu leżi drittijiet ta' ħadd ieħor.*

*Għalhekk ukoll, talba għal dikjarazzjoni li hija preordinata għal dak l-iżgumbrament ma jistax ikollha riżultamenti utili, u mħabba f'hekk ma għandhiex tiġi deċiża, għax nieqsa mill-interess li għandu jkun il-bażi ta' l-azzjoni.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettew illi l-attur Giuseppe Gauci kera lill-attur l-ieħor Agius, bi skrittura tal-1 ta' Settembru 1946, il-fond nru. 37, Villambrosa Street, il-Ħamrun, bil-kondizzjonijiet fl-imsemmija skrittura speċifikati; u illi l-Housing Officer għamel "requisition order" fuq din id-dar fl-10 ta' Settembru 1946; u illi b'ittra

uffiċjali tad-9 ta' Diċembru 1946 il-konvenut Mizzi ġie infurmat *li din id-dar kienet mikrija lil Agius minn Gauci fl-1 ta'* Settembru 1946, u non ostanti dan huwa daħħal f'dik id-data lill-konvenuta Rosina Amato; talbu illi jiġi dikjarat u deċiż li bejn l-atturi teżisti lokazzjoni tad-dar fuq imsemmija numru 37, Villambroża Street, il-Ħamrun, għaż-żmien ta' erba' snin mill-ġurnata li Jessie Camenzuli, li kienet l-attwali inkwilina ta' l-imsemmi post, tikkonsenja ċ-ċwievet, u taħt il-kondizzjonijiet l-oħra indikati fl-iskrittura tal-lokazzjoni eżibita ma' l-att taċ-ċitazzjoni, u konsegwentement il-konvenuta Rosina *Amato tiġi żgumbrata mill-imsemmi post numru 37*, Villambrosa Street, il-Ħamrun, fi żmien qasir u perentorju, u l-imsemmija dar tiġi konsenjata lill-attur Agius; billi jiġi dikjarat, okkorrendo, li huwa l-leġittimu inkwilin ta' l-imsemmi post. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Diċembru 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-25 ta' Frar 1947, fejn illiberat il-*konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat:

Illi din id-dar ġiet rekwiżizzjonata mill-Housing Commissioner, u l-ebda kwistjoni ma ġiet sollevata dwar il-kompetenza tal-konvenut Mizzi nomine li jirrekwiżixxi l-fond, u lanqas dwar il-forma li biha ġie emanat dak il-provvediment; illi għalhekk it-talba għall-iżgumbrament ma tistax tiġi milqugħa sakemm hemm dak l-ordni tar-rekwiżizzjoni, anki jekk bih ġew leżi drittijiet ta' l-oħrajn, għaliex skond il-ġurisprudenza kostanti l-Qrati tal-Ġustizzja f'każ ta' provvedimenti amministrativi, mentri jistgħu jeżaminaw jekk dawk il-provvedimenti jidħlux fl-attribuzzjoni ta' dik l-Awtorità, jew il-forma stabbilita mil-liġi ġietx osservata, ma għandhomx jiddiskutu l-opportunità jew il-ġustizzja tiegħu; illi t-talba għad-dikjarazzjoni ma jistax ikollha ebda riżultament utili, billi din it-talba qiegħda pre-ordinata għat-talba l-oħra, u kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ *in re* "Brockdorff vs. Pace Balzan" (Kol-

Ikz. Vol. XVII—III—15). biex ikun hemm interess hemm bżonn ta' riżultament utili;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Giuseppe Gauci u Victor sive Vincenzo Agius, u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi dik issentenza tiġi revokata, billi jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom bl-ispejjeż;

Tikkunsidra;

Illi, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, l-Awtorità Amministrativa, kompetenti skond il-liġi, ħarġet rekwiżizzjoni għad-dar in kwistjoni mill-ġurnata illi l-inkwilina ta' dak il-fond tħalli dak il-post; dik ir-rekwiżizzjoni ġiet magħmula mill-awtorità kompetenti u bil-forma li trid il-liġi. L-appellanti però jippretendu illi l-Qorti għandha tidħol biex teżamina jekk il-Housing Commissioner għamilx sewwa li daħħal fid-dar persuna oħra, lill-konvenuta l-oħra, mentri bejniethom kien hemm diġà kuntratt ta' lokazzjoni. Dan ma jistax jiġi eżaminat minn din il-Qorti, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, għaliex diversament kull provvediment li jieħu dak l-uffiċjal ikollu jiġi rivedut mill-qrati u b'hekk jitlef l-utilità tiegħu dak l-uffiċċju, anzi jsir ta' inċjamp kbir għall-amministrazzjoni u lill-publiku in ġenerali;

Tikkunsidra;

Illi veru huwa li jistgħu jiġru każijiet meta, bħal dan il-każ, tant il-lokatur kemm il-persuna li kienet kriet il-post minn għand il-lokatur isibu ruħhom leżi fid-drittijiet tagħhom; iżda dan mhux ġej minn inġustizzja, vera u proprja, magħmula minn dik l-Awtorità, iżda mis-sistema kollu, li jeżiġi s-sagrifiċċju tad-drittijiet tal-privati għall-utilità publika f'każ ta' emerġenza, kif inhu l-fondament tal-Housing Department;

Tikkunsidra;

Illi fuq id-dikjarazzjoni mitluba, sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti illi dik id-dikjarazzjoni hija pre-ordinata għad-domanda l-oħra ta' żgumbrament, u għalhekk ma hemmx għalfejn tiġi deċiża; infatti għaliha ma hemmx il-kontradittur leġittimu, peress illi la Salvino Mizzi nomine u lanqas Rosina Amato, li qiegħda hemm in forza tar-rekwiżizzjoni, ma jistgħux jindaħlu fir-rapporti tal-lokatur ma' l-inkwilin tiegħu. Kieku

Rosina Amato kienet tippretendi, kif ġara f'kawżi oħra, illi hija ġiet anki rikonoxxuta mil-lokatur, u għalhekk anki wara li tispiċċa r-rekwiżizzjoni hija għandha tibqa' hemm, allura dik id-dikjarazzjoni kien ikollha bażi ġuridika, għaliex l-atturi kien ikollhom interess li jagħmluha; imma f'dan il-każ il-Housing Commissioner qatt ma daħal f'dawk ir-rapporti, kif lanqas Rosina Amato qatt ma kellha ebda rapport mal-lokatur; u għalhekk il-lokatur u l-inkwilin, li qegħdin it-tnejn atturi, ma għandhomx il-kontradittur leġittimu biex jikkontrastalhom jew jammettilhom id-dikjarazzjoni; u għalhekk din ma tistax tiġi deċiża "sic et simpliciter" kif jippretendu l-appellanti;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell ta' l-atturi, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-atturi appellanti.